A.L ______ tal-2026

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
## (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2026 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Prodotti tal-Karta li Mhijiex Ippakkjar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikoli 54 and 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**Titolu u dħul fis-seħħ.**

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Prodotti tal-Karta li Mhijiex Ippakkjar).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

**Skop u applikabilità.**

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti intiżi li jsostnu l-ekonomija ċirkolari billi tiġi kkreata skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar, jittejjeb il-ġbir tal-iskart, ir-riċiklabbiltà u jitnaqqas tal-iskart.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-kategoriji ta' prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar elenkati fl-ewwel Skeda, li jiġu mqegħda fis-suq Malti.

(3) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal kwalunkwe materjal edukattiv skont kif imfisser fir-regolament 3.

**Interpretazzjoni.**

**3.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

**Kap. 549.**

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"Awtorità " jew "awtorità  kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif imwaqqfa bl-artikolu 6 tal-Att;

"disponibbilità fis-suq" tfisser kull fornitura ta' prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar, għad-distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq f'Malta waqt it-twettiq ta' attività kummerċjali, kemm b'korrispettiv ta' ħlas kif ukoll b'xejn;

"ippakkjar" għandha jkollha l-istess tifsira mogħtija lill-"imballaġġ" fil-partita (1) tal-paragrafu (1) tal-Artikolu 3 tar-regolament (UE) 2026/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE;

DRAFT

**Kap. 363.**
"Kunsill Reġjonali" tfisser kunsill reġjonali mwaqqaf bl-Att dwar Gvern Lokali;

"materjal edukattiv" tfisser dawn il-publikazzjonijiet fiżiċi li huma esklussivament iddedikati għat-tagħlim u għat-tixrid kulturali:

i. kotba, inkluż kotba tat-tpinġija bil-kulur u kwaderni tad-disinn, kotba b'eżerċizzji prattiċi għall-istudenti li jsostnu l-istruzzjonijiet tal-klassi;
ii. mużika stampata jew f'forma ta' manuskritt;
iii. mapep u karti idrografiċi jew karti simili;

"reklamar u materjal kummerċjali stampat" tfisser kwalunkwe mezz fiżiku ta' materjal ta' reklamar stampat li jkun intiż għal skopijiet promozzjonali biex jirreklama jew jippromwovi avvenimenti, prodotti jew servizzi relatati ma' kummerċ, negozju jew professjoni u għandu jinkludi kull forma ta' kartelluni, fuljetti, flyers, katalgi, opuskuli, pamflets u banners, li huma kklassifikati taħt il-Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda CN 4911 10;

**L.S 549.43.**
"organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar" tfisser organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produtturi awtorizzata skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart;

**L.S. 549.63.**
"skart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar" tfisser il-porzjon ta' skart tal-karta li mhijiex ippakkjar li jinsab fl-iskart muniċipali kif definit fir-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S 549.43.**
"prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar" tfisser il-prodotti tal-karta elenkati fl-Iskeda 1 li mhumiex ippakkjar;

"produttur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li:

(a) hija stabbilita f'Malta u timmanifattura prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar biex jitqegħdu fuq is-suq f'Malta;

(b) hija stabbilita f'Malta u tqiegħed fis-suq ta' Malta, fuq bażi professjonali, prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar, minn pajjiż terz jew minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

**L.S 378.17.**
(ċ) tbiegħ prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar permezz ta' komunikazzjoni b'distanza kif definit fir-Regolamenti dwar id-Drittiiet tal-Konsumatur direttament lill-konsumaturi f'Malta u hija stabbilita fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż terz;

**L.S. 549.63.**
"skart tal-karta li mhijiex ippakkjar" tfisser kwalunkwe prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar li d-detentur jarmi, jew biħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi;

"tqegħid fis-suq" tfisser id-disponibbiltà fis-suq f'Malta, għall-ewwel darba, ta' prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar;

**L.S 549.63.**

DRAFT

It-tifsiriet ta' "ġbir", "riċiklaġġ", "skart" u "trattament" għandu ikollhom l-istess tifsira hekk kif mogħtija lilhom fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

**Responsabbiltà estiża tal-produttur.**
**L.S 549.141.**

**4.** (1) Produtturi li jqegħdu prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar fis-suq f'Malta għandu jkollhom responsabbiltà estiża ta' produttur skont ir-Regolamenti ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur u dawn ir-regolamenti.

(2) Produtturi stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz li jpoġġu prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar fis-suq f'Malta għandhom jaħtru persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant awtorizzat sabiex tilħaq l-obbligi tagħhom ta' responsabbiltà estiża ta' produttur stabbilita f'dawn ir-regolamenti fit-territorju Malti. Din il-ħatra għandha issir permezz ta' prokura bil-miktub permezz ta' dikjarazzjoni kif stabbilita fl-Iskeda 2.

**L.S. 549.141.**

(3) Skont ir-regolament 4 tal-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, produtturi u rappreżentanti awtorizzati għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-immaniġġjar tal-iskart ġġenerat minn prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar li jqegħdu fis-suq f'Malta. Skont is-subregolament (3)(a) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, dawn l-ispejjeż għandhom ikopru bħala minimu dawn l-affarijiet:

(i) l-ispejjeż għall-ġbir separat tal-iskart u t-trasport sussegwenti tiegħu u t-trattament, inkluż trattament neċessarju sabiex jintlaħqu l-miri għall-immaniġġjar tal-iskart stabbiliti fl-iskeda 5, meta jitqies id-dħul mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-prodotti ta' karta li mhijiex ippakkjar;

(ii) l-ispejjeż għall-għoti ta' informazzjoni adegwata lil detenturi ta' skart rigward miżuri ta' prevenzjoni ta' skart, l-obbligi tas-separazzjoni tal-iskart u prattiċi tajba, skemi eżistenti ta' ġbir u ta' riċiklaġġ, u l-prevenzjoni taż-żibel; u

(iii) l-ispejjeż tal-ġbir u rappurtar ta' data fuq il-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar mqiegħda fis-suq lokali u data fuq il-ġbir u t-trattament tal-iskart li rriżulta minn dawn il-prodotti, kif ukoll data oħra relevanti għall-monitoraġġ tal-miri stabbiliti fi Skeda 5, skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti.

(4) B'deroga mis-subregolament (3), l-Awtorità tista' teżenta, parzjalment jew kompletament, produtturi li jqegħdu prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar elenkati fil-partita (iii) ta' Skeda 1 fuq is-suq f'Malta mill-obbligu li jkopru l-ispejjeż stabbiliti fil-partita (i) u (ii) tas-subregolament (3), jekk jipprovdu, għas-sodisfazzjoni tal-Awtorità , informazzjoni lil pubbliku fuq miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart, l-obbligi tas-separazzjoni ta' skart u prattiċi tajba, l-użu ta' ġbir separat u s-sistemi ta' riċiklaġġ tal-iskart, u l-prevenzjoni taż-żibel:

Iżda tali produtturi, flimkien mat-talba tagħhom għall-eżenzjoni, għandhom jipprovdu informazzjoni rigward il-prodotti stampati li tqegħdu fuq is-suq f'Malta, minimament kull xahar, jew f'każ fejn il-prodotti ġew ippubblikati bi frekwenza inqas minn kull xahar, ma' kull pubblikazzjoni. Fejn applikabbli, produtturi għandhom jipprovdu tali informazzjoni fuq sit elettroniku jew b'mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi oħra.

(5) L-Awtorità għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-prodottur rigward it-talba għall-eżenzjoni skont ir-rekwiżiti tas-subregolament (4) mingħajr dewmien.

**L.S. 549.43.**

DRAFT

(6) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti b'mod kosteffiċjenti, il-prodotturi u r-rappreżentanti awtorizzati tagħhom għandhom jissodisfaw l-obligi tar-responsabbiltà estiża tal-prodottur b'mod kollettiv u għal dak il-għan, għandhom l-obbligu li jissieħbu ma' organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar debitament awtorizzata skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

(7) Prodotturi u rappreżentanti awtorizzati għandhom, fuq talba tal-Awtorità, jipprovdu kopja tal-ftehim iffirmat mal-operatur tal-organizzazzjoni awtorizzata tal-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar.

(8) Il-kontribuzzonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi u mir-rappreżentanti awtorizzati li jipparteċipaw f'organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar sabiex jikkonformaw mal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għandhom ikunu maħduma, kemm jista' jkun possibbli, billi jittieħed kont ta' kemm jistgħu jiġu separati u rriċiklati, inkluż il-preżenza ta' sustanzi perikolużi, f'tali prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar, li jistgħu jtellfu r-riċiklabbiltà.

L.S. 549.43.
(9) Sabiex tkopri l-ispejjeż elenkati fis-subregolament (3) f'isem il-prodotturi tagħha, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tiffinanzja kwalunkwe sistema stabbilita mill-Kunsill Reġjonali u approvata mill-Awtorità msemmija fis-subregolament (8) tar-regolament 13 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart kif ukoll fir-rigward tal-iskart muniċipali kollu tal-karta li mhijiex ippakkjar ġġenerat, skont is-sehem fis-suq tagħha:

Iżda organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-Kunsilli Reġjonali, permezz ta' ftehimiet bil-miktub msemmija fis-subregolament (8) tar-regolament 13 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħha lejn is-sistemi msemmija hawn fuq.

(10) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa minn organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar m'għandhomx jeċċedu l-ispejjeż li huma meħtieġa sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' maniġġjar tal-iskart b'mod kosteffiċjenti. Tali spejjeż għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-Awtorità, il-Kunsilli Reġjonali, l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar u kwalunkwe parti kkonċernata. Kwalunkwe reviżjoni tal-ispejjeż stabbiliti għandha tiġi kkomunikata b'avviż suffiċjenti sabiex tippermetti l-organizzazzjonijiet awtorizzati jaġġustaw l-operat tagħhom għal kwalunkwe spejjeż riveduti:

Iżda l-imsemmija kontribuzzjonijiet finanzjarji m'għandhom fl-ebda każ jinkludu kwalunkwe penali amministrattiva imposta mill-Awtorità fuq Kunsill Reġjonali skont is-subregolament (4) tar-regolament 6.

L.S. 549.43.
(11) Is-sehem fis-suq msemmi fis-subregolament (9) għandu jkun stabbilit mill-Awtorità abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Iskeda 18 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart:

Iżda l-piż ta' prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar li tqiegħed fis-suq mill-membri tal-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandu wkoll jiġi kkunsidrat mill-Awtorità hi u tistabbilixxi s-sehem fis-suq:

Iżda wkoll il-piż tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar imqiegħda fis-suq għandu jiġi determinat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Iskeda 3.

**L.S. 549.43.**

(12) Organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tagħmel l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (3) tar-regolament 3A tar- Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart disponibbli pubblikament inkluż fir-rigward tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar u l-iskart li jirriżulta minn tali prodotti skont is-subregolament imsemmi.

**L.S. 549.43.**

(13) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jagħmlu disponibbli pubblikament l-informazzjoni msemmija fil-partiti (a) u (b) tas-subregolament (4) tar-regolament 3A tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart inkluż fir-rigward tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar skont is-subregolament imsemmi. Il-Kunsilli Reġjonali għandhom ukoll jagħmlu disponibbli pubblikament informazzjoni relatata mal-kisba tal-miri stabbiliti fl-Iskeda 5 fir-rigward tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar li tiġi ġġenerata fir-reġjuni tagħhom.

**Ġbir u trattament ta' prodotti tal-kartai li mhijiex ippakkjar.**
**L.S. 549.63.**
**L.S. 549.43.**
**Kap. 363.**

**5.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart u l-Att dwar il-Gvern Lokali, il-Kunsilli Reġjonali għandhom jiżguraw li s-sistemi ssetjati skont is-subregolament (1) tar-regolamenti 13 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart għandu jipprovdi wkoll għal:

(a) ġbir reġjonali bieb bieb tal-iskart muniċipali kollu tal-karta li mhijiex ippakkjar li jiġi ġġenerat fir-reġjuni tagħhom u t-transport tiegħu għal stabbilimenti jew intrapriżi awtorizzati għall-immaniġġjar tal-iskart; u

(b) trattament tal-iskart muniċipali kollu tal-karta li mhijiex ippakkjar li tkun inġabret skont il-ġerarkija tal-iskart stipulata fir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

**L.S. 549.43.**

(2) Organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għanda tagħmel użu minn arranġamenti eżistenti ta' recycling points stabbilliti skont is-subregolament 2 tar-regolament 13 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart għall-ġbir separat ta' skart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar:

Iżda l-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkar miġbur separatament skont dan is-subregolament li jiġi riċiklat għandu jgħodd għall-kisba tal-mira ta' riċiklaġġ applikabbli mill-Kunsilli Reġjonali. Għall-fini ta' dan, organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tipprovdi lill-Kunsill Reġjonali rispettiv id-dikjarazzjoni ffirmata msemmija fir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-

Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart ukoll fir-rigward tal-iskart tal-karta li mhijiex ippakkjar.

(3) Għall-finijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-regolament, l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandhom:

(a) iwettqu kampanji ta' informazzjoni, fejn jenfassizzaw l-importanza tal-prevenzjoni tal-iskart, tal-ġbir separat tal-iskart tal-karta li mhijiex ippakkjar u jiżguraw it-trattament korrett ta' dan l-iskart; u

(b) jieħdu dawk l-arranġamenti meħtieġa sabiex l-iskart tal-karta li mhijiex ippakkjar miġbur ikun disponibbli għar-riċiklaġġ.

**L.S. 549.63.**

(4) Il-Kunsilli Reġjonali u l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar m'għandhomx jiddisponu, inkluż permezz ta' *landfilling*, l-iskart tal-karta li mhijiex ippakkjar li jkun inġabar separatament, ħlief dak l-iskart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' trattament sussegwenti tal-iskart miġbur separatament li għalih il-*landfilling* jew operazzjonijiet tad-disponiment oħra jipproduċu l-aħjar riżultat ambjentali skont ir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

**Miri ta' riċiklaġġ u regoli għall-kalkolu tagħhom.**

**6.** (1) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw li, fir-rigward tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar ġġenerat fir-reġjuni tagħhom, tintlaħaq il-mira minima ta' riċiklaġġ applikabbli stabbilita fl-Iskeda 5.

**L.S. 549.63.**

(2) Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk intlaqħux il-miri stabbiliti fl-Iskeda 5, il-piż tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar iġġenerat u riċiklat f'sena kalendarja partikolari għandu jiġi kkalkulat skont id-dispożizzjonijet stabbiliti fir-regolament 10D tar-Regolamenti dwar l-Iskart u, għal dak il-għan, ir-regoli għall-kalkolu, verifika u rappurtar tad-data stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1004 li tistabbilixxi regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rappurtar tad-data dwar l-iskart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2384 għandha tapplika.

**L.S. 549.43.**

(3) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jassiguraw li r-rapporti ta' nofs is-sena, annwali u r-rapporti awditjati msemmija fis-subregolamenti (13), (14), (15), (16) u (17) tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, ikollhom ukoll din l-informazzjoni:

i. Il-Kwantità tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar iġġenerata fir-reġjuni tagħhom, bil-piż, matul il-perjodu ta' rappurtar skont il-format ta' rappurtar li għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità;

ii. Il-Kwantità ta' skart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar miġbura separatament permezz tas-sistemi stabbiliti skont is-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 5, bil-piż, matul il-perjodu ta' rappurtar skont il-format ta' rappurtar li għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità; u

iii. Il-Kwantità ta’ skart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar li jiġu ttrattati mill-istabbilimenti jew intrapriżi tal-immaniġġjar tal-iskart ingaġġati mir-Kunsill Reġjonali rispettiv u l-organizzazzjoni ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar, bil-piż, matul il-perjodu ta’ rappurtar skont il-format ta’ rappurtar li għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità. Għal dan il-għan, regolament 15 tar-Regolamenti dwar l-l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart għandu japplika *mutatis mutandis* għall-iskart tal-karta li mhijiex ippakkjar.

(4) L-Awtorità tista’ timponi penali amministrattiva fuq Kunsill Reġjonali jekk jirriżulta li fi kwalunkwe sena partikolari, il-Kunsill Reġjonali naqas milli jilħaq il-mira minima ġenerali ta’ riċiklaġġ stabbilita fl-Iskeda 5. Din il-penali għandha tiġi kkalkulata skont il-mekkaniżmu stabbilit fl-Iskeda 6.

**Reġistrazzjoni tal-Produttur.**

**7.** (1) Produtturi jew rappreżentanti awtorizzati li jqiegħdu prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar fis-suq Malti għandhom japplikaw biex ikunu reġistrati mal-Awtorità u mar-reġistrazzjoni għandhom jiġu pprovduti b’numru ta’ reġistrazzjoni. Il-produtturi għandhom jagħmlu n-numru ta’ reġistrazzjoni viżibbli b’mod ċar fuq il-fatturi u l-irċevuti fiskali kollha:

**L.S. 549.43.**

Iżda l-produtturi li diġà huma rreġistrati skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, għandhom jingħataw numru ta’ reġistrazzjoni uniku li jidentifikahom bħala produtturi kemm tal-ippakkjar kif ukoll tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar jew bħala produttur ta’ wieħed minnhom biss, skont il-każ:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tintegra tali informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi msemmi fir-regolament 20 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

(2) Produtturi rregistrati skont is-subregolament (1) għandhom iġeddu r-reġistrazzjoni tagħhom fuq bażi annwali mal-Awtorità kompetenti sal-31 ta’ Mejju ta’ kull sena:

Iżda mill-1 ta’ April ta’ kull sena l-Awtorità kompetenti għandha taċċetta tiġdid sal-aħħar tas-sena bil-ħlas addizzjonali ta’ miżata ta’ sebgħin euro (€70) għal kull xahar jew parti minnu, miżjuda mat-tariffa/i preskritti fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (3).

(3) Applikazzjoni minn produttur sabiex jirreġistra jew iġedded ir-reġistrazzjoni għandha:

(a) issir *online* jew bil-miktub;

(b) tkun iffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 4; u

(c) tkun akkumpanjata minn miżata ta’ €10 għar-reġistrazzjoni *online* jew €35 għar-reġistrazzjoni manwali.

(4) Produttur mhux ser jitqies irreġistrat jew li ġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sakemm ma jinħariġx avviż ta’ rikonoxximent mill-Awtorità kompetenti, li japprova l-applikazzjoni tal-produttur għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni. L-Awtorità kompetenti għandha toħroġ l-avviż ta’ rikonoxximent fi żmien:

DRAFT

(a) xahar mid-data li fiha tirċievi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni; jew

(b) xahar wara d-data li fiha tasal aktar informazzjoni jew dettalji mitluba mill- Awtorità kompetenti b'konnessjoni ma' tali applikazzjoni, inkluż il-ħlas ta' kwalunkwe tariffi,

skont liema minnhom tkun l-aħħar.

(5) Meta produttur jieqaf milli jqiegħed prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar fis-suq, il-produttur għandu japplika mal-Awtorità kompetenti biex itemm ir-reġistrazzjoni tiegħu s-sena ta' wara li fiha jieqaf jagħmel dan. Applikazzjoni biex tintemm ir-reġistrazzjoni għandha tkun iffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 4.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-obbliġi u r-responsabbiltajiet tal-persuna li tkun qiegħda tapplika biex ittemm ir-reġistrazzjoni tagħha relatata maż-żmien meta l-persuna kienet produttur irreġistrat, l-awtorità kompetenti għandha ttemm ir-reġistrazzjoni ta' persuna b'effett mill-aħħar jum tas-sena li fiha din il-persuna waqfet milli tkun obbligata li tkun irreġistrata, u għandha tinnotifika lil dik il-persuna bil-miktub:

Iżda kwalunkwe informazzjoni pendenti għandha tingħata mill-persuna lill-Awtorità kompetenti meta tapplika biex ittemm ir-reġistrazzjoni tagħha skont is-subregolament (5).

(7) Kull produttur li jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont dan ir-regolament jew li jonqos li jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sa tmien is-sena għandu jeħel penali kif preskritta fl-Iskeda 7.

(8) Organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar tista' tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni ta' produttur f'ismu, soġġett għall-kunsens tal-imsemmi produttur. F'dawn il-każijiet, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar tkun responsabbli għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, inkluż il-ħlas tal-penali msemmija fis-subregolament (7), u l-Awtorità tista' tikkollabora ma' tali organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

**Reġistrazzjoni u informazzjoni.**

**8.**(1) Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont ir-regolament 7 għandha tinkludi l-informazzjoni stipulata fl-Parti A tal-Iskeda 8 u dik għat-tiġdid għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni tar-rappurtar stabbilita fil-Parti B tal-Iskeda 8.

(2) F'każ li l-informazzjoni ppreżentata skont is-subregolament t'hawn fuq tinbidel, l-imsemmi produttur jew l-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar f'ismu, kif applikabbli, għandu jinforma lill-Awtorità kompetenti dwar dan sa mhux aktar tard minn xahar wara t-tibdil.

(3) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun ipprovduta *online* jew bil-miktub u għandha tkun iffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 4.

(4) Għandha tkun ir-responsabbiltà ta’ produttur reġistrat li jżomm l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) minn tal-inqas ħames (5) snin. Dawn ir-*records* għandhom ikunu magħmula disponibbli fuq talba tal-Awtorità kompetenti.

(5) Meta produttur jew l-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar f’ismu, kif applikabbli, jonqos jew jirrifjuta li jipprovdi applikazzjoni sħiħa fi żmien xahar mid-data tat-talba mill-Awtorità kompetenti, l-Awtorità kompetenti għandha tirrifjuta u tirritorna din l-applikazzjoni mhux kompluta lill-produttur.

(6) L-Awtorità kompetenti għandha tqis il-problemi partikolari tal-intrapriżi żgħar u dawk ta’ daqs medju sabiex jipprovdu informazzjoni dettaljata.

**Tħaddim ta’ organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar fir-rigward tal-karta li mhijiex ippakkjar.**
**L.S. 549.43.**

**9.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fir-regolament 17 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, l-operatur ta’ organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart għandu, fir-rigward ta’ prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar li ġew imqegħda fis-suq Malti mill-membri tagħha:

(a) jintrabat li jopera skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet u regolamenti oħra, dak li jkun maqbul ma’ u f’isem il-produttur, kif ukoll skont il-kundizzjonijiet kollha fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità kompetenti; u

(b) għas-sena 2026, jipprovdi sat-30 ta’ Ġunju tas-sena 2026, lill-Awtorità b’dikjarazzjoni li tinkludi informazzjoni dwar il-piż stmat tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar imqiegħda fis-suq nazzjonali mill-membri tagħha mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dawn ir-regolamenti sal-31 ta’ Diċembru 2026, skont il-format stabbilit mill-Awtorità. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi maħruġa u ffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 4.

**L.S. 549.43.**

(2) Organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tiżgura li r-rapporti ta’ nofs is-sena, annwali u rapporti awditjati msemmija fis-subregolamenti (2), (3), (4) u (5) tar-regolament 17 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart għandhom jinkludu wkoll l-informazzjoni li ġejja:

i. Lista ta’ produtturi li jqiegħdu fis-suq il-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar u li jkunu qed jipparteċipaw fl-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar matul il-perjodu ta’ rappurtar;

ii. Il-Kwantità tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar li jkunu ġew imqiegħda fis-suq nazzjonali mill-produtturi li pparteċipaw fl-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar, skont il-piż u l-kategorija, matul il-perjodu speċifiku ta’ rappurtar u skont il-formati ta’ rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità;

iii. Il-Kwantità tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar li nġabar permezz tar-recyling points msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament 2 tar-regolament 13 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart u li ġew trasferiti lill-istabbiliment jew impriża awtorizzati ingaġġata mill-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar,

DRAFT

skont il-piż matul il-perjodu ta’ rappurtar kif preskritt fil-formati ta’ rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità;

iv. Kwantitajiet tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar li ġew trattati mill-istabbilimenti jew impriżi awtorizzati ingaġġata mill-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar. Għal dan il-għan, ir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart għandu japplika, *mutatis mutandis* għall-iskart tal-karta li mhijiex ippakkjar;

v. Dettalji dwar l-informazzjoni u l-kampanji ta’ sensibilizzazzjoni organizzati jew iffinanzjati mill-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar fir-rigward tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar li jitqiegħdu fis-suq mill-membri tagħha;

vi. Kwalunke informazzjoni oħra specifikata mill-Awtorità.

**Reati.**

**10.** Persuna tkun ħatja ta’ reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tikkonforma ruħha ma’ xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma ruħha mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma’ xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(c) taġixxi bi ksur ta’ xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti; jew

(d) tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin jew tħajjar~~,~~ lil xi ħadd ieħor b’liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta’ pariri jew ta’ flus biex jinkisru d-dispożizzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) sa (c); jew

(e) tipprova tikkommetti kwalunkwe waħda mill-ksur indikati fil-paragrafi (a) sa (d).

**Pieni.**

**11.** Kull min jagħmel reat taħt dawn ir-reoglamenti jista’, meta jinstab ħati, jeħel:

(a) meta jinstab ħati għall-ewwel darba, multa ta’ mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u tletin euro (€2,330);

(b) meta jinstab ħati għat-tieni darba jew iżjed drabi, multa ta’ mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u sittin euro (€4,660):

Iżda wkoll il-Qorti tista’ tordna lil kull min ikun instab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-Awtorità kompetenti tkun għamlet u li huma msemmija f’dawn ir-regolamenti bħala riżultat ta’ dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, fejn applikabbli.

**Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali.**
**Kap. 9.**

**12.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-proċeduri relatati ma’ reati kontra dawn ir-regolamenti, hekk illi l-iskwalifika milli tinżamm jew tinkiseb liċenzja, permess jew xi awtorizzazzjoni m’għandha fl-ebda każ tkun għal perjodu ta’ inqas minn sena (1).

DRAFT

## SKEDA 1

## PRODOTTI TAL-KARTA LI MHIJIEX IPPAKKJAR LI JAQGĦU TAĦT DAWN IR-REGOLAMENTI

i. Karti għall-fotokopji, jiġifieri karti ta’ daqs A4 u A3 li jintużaw primarjament għall-kitba u għall-printing jew għall-fotokopji li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda CN 4802 56, CN4802 57, CN 4802 58 u CN 4802 62 u kwalunkwe kodiċi ieħor rilevanti tan-Nomenklatura Magħquda;

ii. Materjal stampat ta’ reklamar u kummerċjali, kemm indirizzat kif ukoll mhux indirizzat, bl-eċċezzjoni tal-materjal reklamanti stampat fuq karti ta’ daqs A4 u A3 koperti taħt il-punt (i) li tqiegħdu fis-suq f’Malta;

iii. Gazzetti, rivisti u pubblikazzjonijiet perjodiċi, kemm jekk illustrati jew le, jew jekk fihom materjal ta’ reklamar, li huma kklassifikati taħt il-Kodiċijiet tan-Nomenklatura CN 4902;

iv. *Envelopes* li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda CN 4817 20 00;

v. *Letter cards*, kartolini bla disinn u kartolini ta’ korrispondenza kklassifikati taħt il-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda CN 4817 20 00;

vi. Kartolini stampati jew illustrati, kartolini stampati li fihom awguri personali, messaġġi jew avviżi, kemm jekk illustrati kif ukoll jekk le, kklassifikati taħt il-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda CN 4909 00 00; u

vii. Reġistri, *account books*, libretti għan-noti, kotba tal-ordnijiet, kotba tar-riċevuti, folji ta’ ittri, folji ta’ memorandums, djarji u oġġetti simili, kotba ta’ eżerċizzji, *blotting pads*, legaturi, folders, qxur tal-fajls, *manifold business forms*, *interleaved carbon sets* u oġġetti oħra ta’ stationery; albums għal kampjuni jew għal kollezzjonijiet u qxur ta’ kotba, li jaqgħu taħt il-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda CN 4820.

DRAFT

**SKEDA 2**

**(Regolament 4)**

**DIKJARAZZJONI TA’ PROKURA BIL-MIKTUB**

Isem tal-Produttur:
Indirizz:

b’dan jinnomina
L-Isem ta’ persuna ġuridika jew naturali stabbilita f’Malta:
Indirizz:

, bħala r-rappreżentant awtorizzat tal-produttur f’Malta skont ir-regolament 4.

L-isem tal-persuna ġuridika jew naturali stabbilita f’Malta:
b’dan jassumi r-responsabbiltajiet bħala r-rappreżentant awtorizzat f’Malta għal:

Isem tal-Produttur:
, skont ir-Regolamenti dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Prodotti tal-Karta li mhijiex ippakkjar).

Din il-prokura, iffirmata miż-żewġ partijiet, tibda’ sseħħ mid-data tal-firma sakemm ma jiġix iddikkjarat mod ieħor, u għandha tiġi fi tmiem ladarba xi waħda mill-partijiet tinforma lill-Awtorità kompetenti f’Malta li timmaniġġa r-reġistru nazzjonali li din il-prokura ġiet itterminata.

Min-naħa waħda,
Isem tal-Produttur:
Firma:

Data:

Min-naħa l-oħra,
Isem tar-Rappreżentant Awtorizzat:
Firma:
Data:

DRAFT

**SKEDA 3**
**(Regolament 4)**

## METODOLOĠIJA GĦALL-ISTABBILIMENT TAL-PIŻ TAL-PRODOTTI TAL-KARTA LI MHIJIEX IPPAKKJAR

Il-piż tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar li tqiegħdu fis-suq mill-membri tal-organizzazzjonijiet awtorizzati għall-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandu jiġi stabbilit mill-Awtorità kif ġej:

(i) Mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sat-30 ta' Ġunju 2027, il-piż tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar għandu jiġi stabbilit abbażi ta' dikjarazzjoni dwar it-tqegħid proġettat fis-suq mill-membri tagħhom sal-31 ta' Diċembru, kif sottomessa mill-organizzazzjonijiet awtorizzati għar-rkupru tal-iskart tal-ippakkjar, skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 9;

(ii) Għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2027 u l-31 ta' Diċembru 2027, il-piż tal-prodotti tal-karti li mhijiex ippakkjar għandu jiġi stabbilit abbażi tar-rapporti annwali verifikati għas-sena bir-referenza 2026 kif sottomessi mill-organizzazzjonijiet awtorizzati għar-rkupru tal-iskart tal-ippakkjar skont ir-regolament 17 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, li fihom informazzjoni dwar il-piż tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar imqiegħda fis-suq skont il-paragrafu (ii) tas-subregolament (2) tar-regolament 9;

(iii) mill-1 ta' Jannar 2028 'il quddiem u għal kull sena kalendarja sussegwenti, il-piż tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar għandu jiġi stabbilit abbażi tar-rapporti annwali verifikati l-aktar riċenti sottomessi mill-organizzazzjonijiet awtorizzati għall-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar skont ir-regolament 17 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, li fihom informazzjoni dwar il-piż tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar imqiegħda fis-suq skont il-paragrafu (ii) tas-subregolament (2) tar-regolament 9:

Iżda f'każ li organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart mill-ippakkjar tonqos milli tipprovdi d-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq, l-Awtorità tista' tistabbilixxi s-sehem fis-suq abbażi tal-piż tal-karta tal-ippakkjar mibjugħa rrappurtata lill-Awtorità permezz tar-rapporti annwali verifikati l-aktar riċenti sottomessi mill-organizzazzjonijiet awtorizzati għall-irkupru tal-iskart mill-ippakkjar skont ir-regolament 17 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

---

DRAFT

## SKEDA 4

## LISTA TA' FIRMATARJI AWTORIZZATI

Għall-finijiet tal-ħruġ u l-iffirmar ta' dokumentazzjoni uffiċjali inkluża korrispondenza, l-Awtorità kompetenti għandha taċċetta biss dokumentazzjoni mingħand produttur jew organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li tkun iffirmata minn persuna minn dawn li ġejjin:

- Persuna fiżika, jekk il-produttur huwa persuna fiżika;
- Sieħeb, fejn il-produttur jew organizzazzjoni awtorizzata għall-obbligi tar-responsabbiltà tal-produttur hija sħubija;
- Direttur jew segretarju tal-kumpanija, fejn il-produttur jew organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar hija kumpanija reġistrata f'Malta;
- Persuna li għandha kontroll jew tmexxija tal-entità, fejn il-produttur jew organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar hija entità mhux inkorporata;
- Il-president jew kwalunkwe membru ieħor tal-kumitat ta' tmexxija, fejn il-produttur jew organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar hija kooperattiva.

---

**SKEDA 5**

**(Regolament 6)**

**MIRI TA' RICIKLAĠĠ**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kunsilli Reġjonali għandhom jiżguraw li mill-inqas 55% tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar iġġenerat fir-reġjuni rispettivi tagħhom jiġi riċiklat f'sena kalendarja.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kunsilli Reġjonali għandhom jiżguraw li mill-inqas 60% tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar iġġenerat fir-reġjuni rispettivi tagħhom jiġi riċiklat f'sena kalendarja.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2035, il-Kunsilli Reġjonali għandhom jiżguraw li mill-inqas 65% tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar iġġenerat fir-reġjuni rispettivi tagħhom jiġi riċiklat f'sena kalendarja.

DRAFT

## SKEDA 6

## (Regolament 6)

## PENALI AMMINISTRATTIVA

L-Awtorità tista' timponi penali amministrattiva skont ir-regolament 6(4) u l-artikolu 81 tal-Att fuq Kunsill Reġjonali li jkun naqas milli jilħaq il-mira minima ġenerali ta' riċiklaġġ applikabbli matul is-sena preċedenti. Tali penali amministrattiva tiġi kkalkulata kif ġej:

A*(B - C)*D = AP

fejn:-

"A" hija l-piż totali, f'tunnellati tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar ġġenerat fit-territorju tiegħu matul is-sena (kalendarja) operattiva;

"B" hija l-mira minima ta' riciklagg stipulata fl-Iskeda 5 li tapplika għal dik is-sena (kalendarja) operattiva;

"C" hija r-rata totali tal-iskart muniċipali tal-karta li mhijiex ippakkjar li ġie riċiklat mill-Kunsill Reġjonali matul dik is-sena (kalendarja) operattiva;

"D" hija tariffa ekwivalenti għal:

- mitt euro (€100) għal kull tunnellata jekk id-differenza bejn "B" u "C" hija aktar minn 25 punt perċentwali;
- ħamsa u sebgħin euro (€75) għal kull tunnellata jekk id-differenza bejn "B" u "C" hija bejn 10 u 25 punt perċentwali, inklussiv; u
- ħamsa u ħamsin euro (€55) għal kull tunnellata jekk id-differenza bejn "B" and "C" hija inqas minn 10 punti perċentwali.

"AP" tfisser il-penali amministrattiva għall-Kunsill Reġjonali li jonqos milli jilħaq il-mira minima ta' riciklaġġ applikabbli għal dik is-sena (kalendarja) operattiva:

Iżda l-Awtorità tista' teżenta tali penali amministrattiva f'każ fejn il-parti notifikata bl-intenzjoni tal-Awtorità li toħroġ penali amministrattiva tippreżenta evidenza li tissodisfa lill-Awtorità li n-nuqqas tagħha li tilħaq il-mira kien minħabba raġunijiet eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħha.

DRAFT

## SKEDA 7

## (Regolament 7)

## SKEDA TA' PENALI GĦAN-NUQQAS TA' REĠISTRAZZJONI U NUQQAS TA' TIĠDID

- Kwalunkwe produttur li jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont is-subregolament (1) tar-regolament 7 għandu jkun suġġett għal penali ta' seba' mija u ħamsin euro (€750) għal kull tunnellata ta' prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar imqiegħda fis-suq mid-data tal-ewwel tqegħid fis-suq ta' tali prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar sa meta japplika għar-reġistrazzjoni.

- Kwalunkwe produttur li jonqos milli jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena skont is-subregolament (2) tar-regolament 7 għandu jkun suġġett għal penali ta' seba' mija u ħamsin euro (€750) għal kull tunnellata ta' prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar imqiegħda fis-suq mill-bidu tas-sena li fiha kellu jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sa meta japplika għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni:

  Iżda fejn organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar tkun qablet li tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni ta' produttur f'ismu, il-penali msemmija hawn fuq fi kwalunkwe każ, għandhom, ikunu dovuti mill-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart li tkun naqset milli tapplika jew iġġedded ir-reġistrazzjoni.

DRAFT

## SKEDA 8

**(Regolament 8)**

## INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN INKLUŻA F'APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI JEW GĦAT-TIĠDID TAR-REĠISTRAZZJONI

*Parti A: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni:*

- Isem u indirizz tal-produttur u, fejn:

  (i) il-produttur huwa kumpanija, l-uffiċju rreġistrat;

  (ii) il-produttur mhuwiex kumpanija, il-post prinċipali tan-negozju.

- Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija (fejn applikabbli)
- Il-kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;
- Id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt li lilha l-Awtorità kompetenti għandha tindirizza kull komunikazzjoni;
- Dettalji dwar in-natura kummerċjali tal-produttur (eż. manifattur, importatur jew bejjiegħ b'distanza);
- It-tip ta' prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar elenkati fl-Iskeda I;
- dikjarazzjoni ffirmata li tiddikjara li l-informazzjoni pprovduta hija veritiera;
- Id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;
- L-isem tal-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li magħha l-produttur huwa membru u kopja tal-ftehim ma' tali organizzazzjoni.

*Parti B: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mal-applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni:*

- In-numru tar-reġistrazzjoni tal-produttur u kwalunkwe kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija (fejn applikabbli) tal-produttur;
- Il-kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;
- Il-kwantitajiet tal-prodotti tal-karta li mhijiex ippakkjar elenkati fl-Iskeda 1 li jkunu tqiegħdu fis-suq nazzjonali, skont il-piż, matul il-perjodu ta' rappurtar speċifiku u skont il-formati ta' rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità kompetenti;

DRAFT

- Dikjarazzjoni ffirmata li tiddikjara li l-informazzjoni pprovduta hija veritiera ;

- Id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni; u

- Deskrizzjoni xierqa ta’ kif ġiet miġbura d-*data*, inkluż kwalunkwe spjegazzjoni dwar stimi li jkunu ntużaw;

- L-isem tal-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li magħha l-produttur huwa membru u konferma tal-ftehim ma’ tali organizzazzjoni.

DRAFT